MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-21 ta' Gunju, 2006

Citazzjoni Numru. 584/2000/1

Kawza fil-lista: 38

**A B**
**Vs**
**C D B**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk:

Billi l-kontendenti zzewgu fis-26 ta' Dicembru 1974 (Dok A);

Billi l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha jew b'anomalija

psikologika serja li ghamlitha mpossibli li l-partijiet jaqdu l-obbligi essenzjali matrimonjali;

Billi l-kunsens tal-istanti kien eskluz minhabba zball fl-identita’ tal-parti l-ohra;

Peress li l-partijiet isseparaw konsenswalment permezz ta’ kuntratt pubblikat fis-6 ta’ Mejju 1994;

Billi l-imsemmi zwieg hu null u bla ebda effett skond il-ligi;

Tghid il-konvenuta ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex tiddikjara l-imsemmi zwieg null ghall-finijiet u l-effetti kollha tal-ligi u dana ghar-ragunijiet fuq premessi.

Bl-ispejjes kontra l-konvenuta li hi ngunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuta li biha eccepiet:

1. Illi hija ma taqbilx li l-kunsens taghha ghaz-zwieg kontrattat bejnha u bejn l-attur kien vizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew altrimenti vizzjat ghal xi raguni ohra li jistabilixxi l-artikolu 19(1)(d) tal-Kap. 255. L-eccipjenti tghid ukoll illi ma jinftiehemx ghaliex il-kunsens ta’ l-attur kien vizzjat skond l-imsemmija disposizzjoni tal-ligi.

2. Illi kwantu ghall-allegazzjoni ta’ l-attur li l-kunsens tieghu kien eskluz minhabba zball fl-identita’ tal-parti l-ohra, l-eccipjenti f’dan l-istadju mhijiex f’posizzjoni li tipprezenta l-eccezzjoni opportuna billi l-istess allegazzjoni mhix sufficjentement spjegata fic-citazzjoni ta’ l-attur.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet u l-listi tax-xhieda;

Rat ir-rapport tal-perit legali L-Avukat Dottor Edwina Grima minnha debitament mahluf;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjarja fis-sens li z-zwieg tieghu mal-konvenuta kuntrattat fis-26 ta’ Dicembru 1974 huwa null fil-ligi minhabba li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet kien vizzjat b’ difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju dwar id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taz-zwieg, “jew” b’ anomalija psikologika serja li ghamlitha mpossibbli ghall-partijiet li jaqdu l-obbligi essenzjali matrimonjali;  kif ukoll li l-kunsens ta’ l-attur kien vizzjat minhabba zball fl-identita’ tal-parti.

Minn naha taghha l-konvenuta qeda topponi ghat-talba attrici bl-affermazzjoni li l-kunsens tal-partijiet ma kienx ivvizzjat kif indikat mill-attur.

**Kwadru tal-fatti**

Illi fis-26 ta’ Dicembru 1974 il-partijiet zzewwgu bir-rit religjuz, wara li kienu ilhom gharajjes il-fuq minn tlett [3] snin.  Minn dan iz-zwieg twieldu zewgt it-tfal.  Jidher li l-problemi ta’ bejniethom beda jkollhom l-effetti taghhom fuq ir-relazzjoni matrimonjali circa sentejn wara t-twelid ta’ l-ewwel tarbija fis-sena 1977; u r-relazzjoni matrimonjali bejn il-koppja iddegenerat tant li fis-6 ta’ Mejju 1994 dawn ffirmaw kuntratt ta’ separazzjoni kunsenswali.

Illi f’ dan il-kaz il-partijiet jattribwixxu u jimputaw lil xulxin nuqqasijiet li gew michuda reciprokament. Ta’ relevanza huma l-allegazzjonijiet ta’ l-attur fil-konfront tal-konvenuta fis-sens li dina kellha karattru dominanti u pussessiv hafna, kienet vjolenti u aggressiva fil-konfront tieghu, ghajjura u anke suwicidjali. Dawn l-imputazzjonijiet gew kategorikament michuda mill-konvenuta li tat il-versjoni differenti ta’ l-affarijiet; u ghalhekk ma jistghux jitqiesu bhala sodisfacentement provati. Ghaldaqstant il-konsiderazzjonijiet ta’ l-attur bazati fuq dawn il-karatteristici allegatament riskontrati minnu fiz-zwieg ma jistghux ireggu.

F’ dan ir-rigward hija opportuna l-osservazzjoni li l-koppja damu gharajjes tlett snin qabel ma zzewwgu u ghalhekk zgur li jekk verament dawn il-karatteristici jew xi wiehed minnhom kien daqshekk predominanti fil-karattru tal-konvenuta, l-attur f’ perijodu ta’ tlett snin kellu jintebah b’ dan. Fil-kors tal-hajja gieghli jigri li, ghalkemm matul l-gherusija parti tintebah b’ xi karatteristika fil-parti l-ohra li ma tkunx tghogobha, hija xorta wahda tibqa’ ghaddejja bir-relazzjoni, u taccetta li tghaddi ghaz-zwieg ma’ dik il-persuna; f’ liema kaz, ma jkunx validu li wara snin ta’ zwieg, u wkoll wara t-twelid tat-tfal, dik il-parti tippretendi li z-zwieg taghha huwa null minhabba dik il-karatteristika fil-konjugi.

***Ligi applikabbli***

Illi fl-ewwel lok jigi rilevat li, stante li z-zwieg meritu ta’din il-kawza kien gie kuntrattat fis-sena 1974, u ghalhekk qabel l-introduzzjoni ta’ l-Att XXXVII tas-sena 1975 fuq citat, huma applikabbli l-Artikoli 35 u 36[2] ta’ l-istess Att. Kif osservat din il-Qorti fil-kawza *PA[RCP] Charles Atkins vs Matilde Atkins*[1], l-Artikolu 36[2] jeskludi l-applikazzjoni ta’ dan l-Att ghaz-zwiegijiet li kienu validi fiz-zmien li saru. Dan ifisser li f’ kazijiet ta’ zwiegijiet kuntrattati qabel il-promulgazzjoni ta’ dan l-Att fis-sena 1975, il-Qorti ghandha fl-ewwel lok tezamina jekk dak iz-zwieg kienx validu skond il-ligi li kienet tapplika ghalih fiz-zmien meta sar, ghax jekk kien validu allura dak kollu li hemm fl-Att ma jistax jolqot dik il-validita’. Huwa biss jekk dak iz-zwieg ma kienx hekk validu li l-Att jista’ jigi invokat u jkunu applikabbli l-Artikoli tal-ligi indikati fl-Artikolu 35, inkluz allura l-Artikolu 19[1].

F’ dan l-istadju hija opportuna l-osservazzjoni li onus probandi ei qui dicit non ei qui negat, u konformament ma’ dan il-principju kardinali f’ materja ta’ prova, l-oneru tal-prova jirrisjedi fuq il-parti li tallega. Multo magis f’ kazijiet bhal dawn in disamina fejn tezisti fil-ligi presunzjoni legali dwar il-validita’ tal-kuntratt taz-zwieg, sakemm ma jigix

[1] Deciza 2 ta’ Ottubru 2003

muri l-kuntrarju bi provi sodisfacenti li jezistu, wiehed jew aktar, mir-ragunijiet li jaghtu lok ghall-annullament.

Fil-kaz in disamina sabiex l-attur jirnexxi fl-azzjoni tieghu, huwa ghandhu l-obbligu, mhux biss li jipprova sodisfacentement l-esistenza tal-fatti li fuqhom huma bazati l-*capita nullitatis* fuq indikati, jew wiehed minnhom; izda fl-ewwel lok ghandhu jipprova li z-zwieg tieghu ma kienx wiehed validu that il-ligi vigenti fiz-zmien li kien ikkuntrattat u cioe' that il-Ligi Kanonika in materja kif espressa fil-Kodici Pio Benedettino tas-sena 1917.[2] U huwa fil-kaz biss li l-attur jirnexxi f' din il-prova, li l-Qorti hija legalment permessa li tghaddi ghall-ezami tal-paragrafi fuq citati tal-Artikolu 19[1].

***Diskrezzjoni ta' gudizzju***

F' dan l-istadju, il-Qorti ser tezamina l-fattur tad-difett tad-*discretio judicii*, li ghalkemm ma jinsabx kodifikat fl-imsemmi kodici, kien diga' gie introdott bhala principju gurisprudenzjali f' decizjoni tar-Rota tad-9 ta' Dicembru 1961 De Jore, kif indikat fis-sentenza fuq citata. F' din id-decizjoni kien gie osservat li "it is necessary that the contracting party be possessed of that discretion of mind and freedom of will that is generally required for entering into any contract and especially into this perpetual and indissoluble contract, through which a state of life is accepted which has grave obligations."

Rigward in-nuqqas ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja matrimonjali, gie osservat li dak li huwa rikjest ghall-validita' tal-kuntratt taz-zwieg hija "la discrezione non tanto per l' atto in se, al momento di emettere il consenso, quanto per gli impegni che da quell' atto derivano. Una discrezione che impegni per il futuro" [Bersini]. "It seems that discretion of judgment or maturity of judgment can be lacking if any one of the following three conditions or hypothesis is verified: [1] when sufficient intellectual knowledge of the object of consent to be given in entering marriage is lacking; [2] when the contracting party has not reached a sufficient amount of reflection that is

[2] Vide sentenza fuq citata

proportionate to the conjugal affair, that is a critical reflection apt for the nuptial; [3] or finally when either party contracting marriage is deprived of internal freedom, that is the capacity to deliberate with sufficient weighing of the motives, and, on the part of the will freedom [autonomia] from all force from within." [*PA Janet Portelli vs Victor Portelli deciza 14 Awissu 1995*].[3]

Illi mill-provi ma rrizultax li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens l-partijet jew wahda minnhom kienet priva minn dawn l-fatturi b' mod li jista' jinghad li l-kunsens taghhom kien vizzjat. Ma hemm xejn x' jindika li dawna ma kienux konxji tal-obbligazzjonijiet essenzjali tal-hajja matrimonjali li huma bazati fuq il-kuncett ta' unjoni permanenti, esklussiva u rrevokabbli diretta ghall-konvivenza ta' hajja komuni, prokreazzjoni ta' l-ulied u t-trobbija taghhom.

Din il-Qorti tikkondividi l-konsiderazzjonijiet maghmula mill-perit legali f' dan ir-rigward mfissra f' dawn it-termini " … jidher li l-koppja izzewwgu meta huma diga' kellhom dik il-maturita' affettiva u konoxxenza shiha ta' dak li tirrikjedi l-hajja matrimonjali fil-mument tal-ghoti tal-kunsens taz-zwieg kif ukoll projettat ghal futur. Huma kellhom l-eta' ta' 22 u 23 sena meta zzewwgu, kienu ilhom jiffrekwentaw lil xulxin ghal circa 3 snin, u kellhom diga' impieg fiss u ta' responsabbilita' gewwa bank u kienu anke nies ta' skola."[4] F' dan il-kwadru tal-fatti din il-Qorti ssibha difficli biex taccetta t-tesi ta' l-attur dwar "difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju"[5].

In propositu ghal dan il-*caput nullitatis* dawn il-Qrati, abbraccjaw l-insenjament espost fil-kawza "*App.C. Joseph Spiteri vs George Spiteri [*Vol.LXXXV.II.81]* fejn gie osservat li: "Jinsab assodat fil-gurisprudenza li jkun hemm difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju kemm-il darba jirrizulta li, fil-mument ta' l-ghoti tal-kunsens, parti jew ohra, tkun priva b' mod sostanzjali, ossia "gravi", minn

[3] *[citati fil-kaz Atkins vs Atkins supra]. Sottolinear ta' din il-Qorti*

[4] Rapport – fol.155
[5] Att tac-citazzjoni

dik il-fakolta' kritiko–estimattiva jew kritiko-valutattiva dwar l-oggett tal-kunsens taz-zwieg; jew minn dik il-maturita' affettiva li hija presuppost ghal ghazla libera dwar l-imsemmi oggett. Ghalhekk difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju mhux semplicement nuqqas ta' hsieb, jew nuqqas ta' riflessjoni; anqas ma jfisser li wiehed jaghmel ghazliet jew jiehu decizzjonijiet zbaljati [infatti decizjoni jew ghazla zbaljata hi perfettamet kompatibbli ma' diskrezzjoni ta' gudizzju – *PA [21.11.1995] Emanuel D vs Carmen D*] "Li parti fiz-zwieg ma tkunx fehmet sufficjentement, fis-sens li ma tkunx hasbet bizzejjed jew ma tkun irrflettiet bizzejjed fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tal-hajja mizzewga ma jammontax necessarjament ghal difett [serju] ta' diskrezzjoni ta' gudizzju [*PA Selina Maria Vella Haber vs Joseph Gatt – 15.4.1996*]

Biex ikun hemm in-nuqqas jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju …. irid ikun hemm l-inkapacita' psikika [mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku/psikjatriku] jew kostituzzjonali li wiehed jagharaf u jirrifletti u li jiddecidi liberament fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali" [vide ukoll *App.C Caroline Grech vs Ian Borg* deciza fis-27 ta' Jannar 2006, u l-awturi u kazistika hemm citati]

Illi fil-kaz in disamina certament ma tirrizultax li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens il-partijiet jew xi hadd minnhom kien affett mill-inkapacita' psikika li jifhem l-obbligazzjonijiet matrimonjali u l-impenn ghal futur li kuntratt taz-zwieg necessarjament jimporta. *Multo magis* f' dan il-kaz meta l-livell ta' edukazzjoni tal-partijiet kien piuttost ghola, liema fattur jimmilta kontra t-tesi ta' nuqqas ta' intellett sufficjenti biex ikollhom konoxxenza ta' dak li jimporta l-kunsens matrimonjali.

Illi rigward il-fattur ta' l-immaturita' avvanzat mill-attur, jinsab ritenut fil-gurisprudenza li la decizjoni zbaljata u lanqas kull stat ta' immaturita' ma huma sufficjenti sabiex jintegraw din il-caput nullitatis. Illi ma hemmx bzonn li parti jkollha xi livell gholi ta' maturita' jew edukazzjoni, izda ta' l-anqas il-livell irid ikun tali li dik l-istess parti tkun

kapaci taghmel valutazzjoni shiha, ponderata u libera dwar iz-zwieg u dwar id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taz-zwieg [*PA Melanie Borg Cardona vs Joseph Borg deciza 29.10.2003*].

L-immaturita' jew difett serju ta' diskrezzjoni "non si referiscono ad una piena e terminali maturita', non esigono nei nubenti una conoscenza perfetta ed esaustiva di cio' che comporta l-matrimonio, non richiedono una preveggenza chiara ed assoluta di cio' che puo' comportare la vita coniugale, ne' un perfetto equilibrio volitivo- affettivo, ne' infine una conoscienza perfetta delle motivazzione della scelta matrimoniale. Ecco perche' riesce piu' appropriato l' uso del termine discrezione di gudizzio, che fa riferimento ad un certo discernimento[6] ma non implica il raggiungimento di una maturita' piena [Pompedda – Il Consenso Matrimoniale, u awturi ohrjan citati fil-kawza *PA Nicholas Agius vs Rita Agius* deciza 25 Mejju 1995, citata fil-kawza *Caroline Grech vs Ian Borg*[2006]supra]. Inoltre, "ogni volta che i contraenti abbiano raggiunto l' eta prescritta dal legislatore per poter contrarre matrimonio, si presume che essi siano in possesso della debita discrezione"[7] [Bersini – citat fil-kawza *Grech vs Borg*]. Presunzjoni din, juris tantum ribattibbli bi provi sodisfacenti li juru l-kuntrarju.

Illi rigward il-fattur tal-maturita' affettiva, anke dan propost mill-attur, jigi osservat li din timporta "generalmente quella adeguata evoluzione degli istinti, degli affetti, dei sentimenti, della emotivita' che se sono turbati o inadeguati intaccano direttamente la volonta' e possono privare della libera scelta interiore. Abbiamo cosi una mancanza di consenso libero [immaturita' affettiva] e ponderato [immaturita' di gudizio]" [Il Diritto Canonico Matrimoniale – Bersini; citat fil-kawza *App.C. Caroline Grech vs Ian Borg* deciza 27 ta' Jannar 2006].

Fil-kaz in disamina ma jirrizultax li dan il-fattur kien mankanti b' mod li l-partijiet jew xi hadd minnhom kien priv

6 Sottolinear ta' din il-Qorti
7 Sottolinear ta' din il-Qorti

jew inkapaci rizultat ta’ dan il-fattur. Jigi osservat li l-fatt li wara z-zwieg bdiet tohrog aktar cara l-inkompatibilita’ ta’ karattru bejn il-konjugi, b’ doza qawwija u konsegwenzjali ta’ egoizmu fil-konfront ta’ xulxin, ma jwassalx necessarjament ghan-nuqqas ta’ maturita’ affettiva fil-mument tal-ghoti tal-kunsens. Mill-provi jirrizulta li dawn kienu damu gharajjes circa tlett snin u jidher car li f’dak iz-zmien ma kienx hemm nuqqas ta’ imhabba fil-konfront ta’ xulxin, tant li huma kienu accettaw lil xulxin u wara tlett snin dawna zzewwgu u sa circa sentejn wara t-twieled l-ewwel tifel il-hajja matrimonjali taghhom ma kienitx ostakolata minn diffikultajiet insormontabbli. Kien proprju sussegwentement, li din l-inkompatibilita’ ta’ karattru bdiet timmanifesta ruhha b’ mod qawwi u tant li l-koppja ma setghetx ssib “bazi komuni bejniethom biex jghixu komdi u kuntenti”[8] Fatturi dawn, li ghalkemm jifformaw bazi ghal separazzjoni personali, ma jwasslux per se ghall-annullament taz-zwieg.

In propositu ghal dan il-fattur hija relevanti l-osservazzjoni maghmula mill-awtur Bersini citat fil-kawza *PA Isabelle Zarb vs Stephen Attard* deciza 21 ta’ Novembru 1995 u citata wkoll fil-kawza *Grech vs Borg*, fejn ta s-segwenti deskrizzjoni ta’ dan il-kuncett: “Secondo gli psichiatrici, l’ immaturita’ affettiva si articola nei seguenti aspetti: dipendenza eccessiva nei confronti della madre e delle figure che la sostituiscono; in relazione a tale dependenza, una incapacita’ di tollerare le frustrazioni che, qualora si verifichino, danno luogo a manifestazioni depressive caratteristiche; scarso controllo emotivo con iperespressivita’ dei fenomini affettivi che sempre sono eccessivamente esuberanti, a carattere infantile [crisi di collera, di lacrime etc.]; egocentrismo; assenza abituale di ogni ansieta’ che contrasta con la gravita’ apparente dei sintomi .. ]

Illi l-Qorti tosserva li ma ngabitx prova li l-partijiet jew xi hadd minnhom kien affett minn nuqqas psikiku f’ dan is-sens; u ghalhekk din il-Qorti ser tillimilta ruhha ghall-osservazzjoni, ta’ natura lampanti, li mhux kull disgwid

[8] Perit legali – fol.156

bejn koppja dovuta ghall-inkompatibilita' ta' karattru jsib il-bazi tieghu fin-nuqqas ta' maturita' affettiva kif fuq koncepita; imma l-ezistenza ta' dan il-fattur, fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali, ghandu jigi stabbilit bi provi konkreti u sodisfacenti, occorendo permezz ta' perizia teknika. Inoltre kif korrettament osservat il-perit legali, l-allegazzjonijiet ta' imgieba vjolenti, u anke suwicidjali da parti tal-konvenuta, apparti mill-fatt li dawn gew kontradetti minnha u ghalhekk ma jinsabux sodisfacentement provati; dawn il-fatturi jistghu ikunu rizultat tal-falliment taz-zwieg u mhux necessarjament kagun ta' xi disturb psikologiku li setghet kienet affetta minnu l-konvenuta u li effetwalha l-kapacita' taghha sabiex taghraf ir-responsabbilitijiet tal-hajja mizzewwga. L-attur baqa' mankanti f' din il-prova.

***Anomalia psikologika***

F' dan ir-rigward jinsab ritenut fil-gurisprudenza li "inerenti fl-obbligazzjonijiet taz-zwieg hemm l-obbligu tal-partijiet li jaghtu lilhom infushom lil xulxin fit-totalita' taghhom sabiex tigi stabbilita bejniethom the community of life and love, f' liema komunjoni s-sesswalita' ghandha rwol importanti [*PA Anthony Gaffiero vs Juanita Gaffiero* – 17/11/2000 citata fil-kawza *PA[VDG]Josette Fardell vs Raymond Galea 17.06.2002*].

Jekk parti fiz-zwieg minhabba xi anomalija psikologika serja, ma tkunx tista taghti [mhux semplicement "ma taghtix"] lilha nnifisha fit-totalita' taghha lill-parti l-ohra b' mod permanenti, kontiwu u esklussiv, allura, jekk tali anomalija tkun tissussisti fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali, ikun hemm dan id-difett.

Vi sono in effetti delle persone le quali per gravi perturbazioni del substrato psico-fisiologico sono incapace di stabilire quella relazione interpersonale – in quanto comporta la mutua donazione di due persone – perpetua, esclusivia e intima, che e' richiesta dalla domunione di vita coniugale, necessaria per il raggiungimento, in modo veramente umano, della finalita' propria del matrimonio, senza la quale la socjeta'

coniugale non puo esistere [Bersini: Il Diritto Canonico Matrimoniale].

Inoltre, spetta lil Qorti tidditermina jekk l-anomalija psikologika tidholx fit-termini tal-ligi. “Il giudice e’ sempre peritu peritorum. Noi pero’ crediamo che si possano offrire come esempio alcune “cause psiche” e che comunque sono di massima attualita’: omosessualita’, transessualismo, altre anomalie sessuali o psico sessuali, narcisismo, alcoholismo, noncuranza o negligenza strafottenete [menefreghismo] per quanto riguarda la comparte, introversione fino alla incomunicazione con l’ altra parte e quindi incapacita’ di comunione interpersonale..”

Anke f’ dan ir-rigward tapplika l-konsiderazzjoni gja fuq esposta, li mhux kull dizgwid kagun ta’ inkompatibilita’ ta’ karattru necessarjament ikun kagun ta’ anomalija psikologika serja li tifixkel il-hajja matrimonjali. Fil-kaz odjern ma giex provat li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali l-partijiet jew xi hadd minnhom kien affett b’ dan in-nuqqas; u jirizulta car li kienet is-sitwazzjoni li zviluppat waqt iz-zwieg li bdiet tkun ta’ ostakolu ghall-komunikazzjoni u eventwalment ghall-konvivenza pacifika bejn il-partijiet, tant li wasslet ghal firda taghhom.

***Zball dwar il-persuna***

Illi t-tieni premessa hija bazata fuq il-Kanoni 1083 li jitkellem dwar l-izball dwar il-persuna li jwassal ghan-nullita’ taz-zwieg. Il-perit legali tosserva li “fil-ligi kanonika ssir distinzjoni bejn zball fuq il-persuna u zball rigward xi kwalita’ tal-persuna, liema kwalita’ trid tkun ‘directly and principally intended’, u cioe’ fil-mument taz-zwieg, l-kunsens matrimonjali ikun qed jigi marbut ma’ dik il-kwalita’ fil-parti l-ohra, li jekk tkun nieqsa allura iggib in-nullita’ ta’ dak iz-zwieg minhabba vizzju tal-kunsens [*PA[RCP] Antoinette Agius vs Joseph Gauci deciza 19 ta’ Frar 2003*].”

Illi f’ dan il-kaz, kif ukoll osservat il-perit legali, ma hemmx prova illi l-attur kien rabat il-kunsens tieghu matrimonjali ma’ xi kwalita’ partikolari fil-konvenuta; u fit-tieni nota ta’ l-osservazzjonijiet tieghu jghid li huwa jsemmi fatturi ta’

natura generali, u cioe' li kien jippretendi li fiz-zwieg iz-zewg konjugi jkunu wgwali, minghajr ma parti tiddomina lill-ohra anke bl-uzu tal-vjolenza. F'dan ir-rigward, apparti mill-konsiderazzjonijiet premessi dwar in-nuqqas ta' prova sodisfacenti f' dan ir-rigward, il-Qorti hija konvinta li matul it-tlett snin li l-partijiet damu gharajjes huma saru jafu lil xulxin u accettaw lil xulxin. Jigi osservat li fil-fehma ta' din il-Qorti persuna li ghandha karattru dominanti hafna u possessiva, jkun difficli ghaliha li tahbi din il-karatteristika taghha mill-parti l-ohra li maghha jkollha relazzjoni li ilha ghaddejja tlett snin.

Illi inoltre, il-Qorti tosserva li fl-att tac-citazzjoni din il-kawzali hija espressa f' dawn it-termini: "Billi l-kunsens tal-istanti kien eskluz minhabba zball fl-identita' tal-parti l-ohra[9]." Jidher car li din hija bazata fuq il-paragragu [b] ta' l-Artikolu 19[1] tal-Kap.255 li fil-kaz odjern huwa inapplikabbli minhabba li japplika r-regim tad-dritt kanoniku skond il-kodici Benedetti; izda mhijex inopportuna l-osservazzjoni li f' dan il-kaz ma rrizulta ebda zball fl-"identita'" tal-konjugi.

In fine hija opportuna l-osservazzjoni li "Iz-zwieg huwa wiehed mill-kuntratti l-aktar essenzjali ghas-socjeta' u bla dubju ta' xejn huwa ta' ordni pubbliku li l-Qorti trid tersaq lejh bl-akbar rispett, ukoll jekk hija sejra thares lejh mill-punto di vista civili biss." Dan bl-iskop li ma jigix annullat zwieg fuq ix-xewqa tal-parti jew partijiet, izda kif hekk inhu xieraq fuq is-serjeta' u l-bazi tar-rekwiziti legali. Ghalhekk jekk l-ghazla singolari jew kongunta tal-partijiet kienet zbaljata, dan m' ghandux iwassal sal punt li z-zwieg jisthoqqlu li jkun annullat. Mod iehor dan il-kuntratt hekk serju, ghax maghmul skond il-ligi u li jikkostitwixxi l-ligi ta' bejniethom [kif hekk jesprimi l-Art.992] jigi stultifikat u rez insinifikanti. Kapaci wkoll jservi ta' pretest ghal kull min iz-zwieg tieghu ma jirnexxiex biex jannulla kuntratt li jisthoqlu invece jibqa' fis-sehh. [*App.C Carmel Farrugia vs Pauline Farrugia* – 28.07.1987, citata b' approvazzjoni *PA[PS] Christine Ellul vs Brian Ellul – 21.10.2002* u *PA[PS] Chritine Ellul vs Brian Ellul – 21.10.2002*]

---

[9] Sottolinear tal-Qorti.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehma li t-talba attrici hija ngustifikata fil-ligi ghax mhux sostnuta minn provi sodisfacenti, u ghalhekk ghandha tigi michuda.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi, previa akkoljiment ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta, taddotta r-rapport tal-perit legali fis-sens tal-konsiderazzjonijiet premessi, u tichad it-talba attrici bl-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------